

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Talba tar-rikorrent intiża sabiex jiġi rrikonoxxut lilu l-istatus ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) A.G. Pirri għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Diċembru 2011 — Wendelboe vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-85/11) ⁽¹⁾

(*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kwistjonijiet proċedurali — Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà — Rifjut ta' promozzjoni — Trasferiment interistituzzjonali matul il-proċedura ta' promozzjoni li matulha l-uffiċjal ġiet promossa fl-istituzzjoni tagħha ta' oriġini — Ilment — Dewmien — Inammissibbiltà*)

(2012/C 138/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Wendelboe (Howald, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Bercheid u C. Berardis-Kayser, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrenti ma tiġix promossa għall-grad AST 5 mill-1 ta' Marzu 2009 abbażi tal-proċedura ta' promozzjoni 2009.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Wendelboe hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 340, 19/11/2011, p. 42.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-12/12)

(2012/C 138/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrenti li tirrigwarda l-klassifikazzjoni tagħha fil-grad AD 11 b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2010 u l-kumpens għad-dannu allegatament subit.

Talbiet tar-rikorrenti

- Jannulla d-deċiżjoni adottata fit-18 ta' Ottubru 2011 li tirrifjuta lir-rikorrenti l-klassifikazzjoni mill-ġdid fil-grad AD 11 mill-1 ta' Jannar 2010;
- jikkumpensa d-dannu morali subit mir-rikorrenti li l-kumpens ekwu għalih huwa evalwat għal EUR 22 000;
- sussidjarjament, jikkumpensa d-dannu materjali subit mir-rikorrenti għal EUR 11 742,48 għas-sena 2010, kif ukoll, għall-perijodu sussegwenti sad-data tas-sentenza li ser tingħata f'din il-kawża, ammont varjabbli li għandu jiġi kkal-kolat, flimkien mal-interessi kompensatorji u moratorji birati legali meħtieġa; u flimkien ma' dan l-ewwel total l-ammont fil-forma ta' somma f'daqqa li jirriżulta mill-evalwazzjoni tat-Tribunal għall-kumpens tat-tieni komponent tad-dannu materjali li l-ammont indikattiv u provviżorju tiegħu jista' jiġi stabbilit għal madwar EUR 120 000;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-13/12)

(2012/C 138/74)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, C. Bernard-Glanz, A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-kuntratt tar-rikorrenti bħala aġent kuntrattwali ma jiġġeddidx.

Talbiet tar-rikorrenti

- Jiddikjara r-rikors preżenti ammissibbli;